MALTA

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2014

Numru. 754/2013

# Il-Pulizija
# Spettur Nikolai Sant

# VS

# Gloria Stella Vargas Pena detentrici tal-passaport Spanjol BE422206;

## Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Gloria Stella Vargas Pena**, li giet akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, u barra minn dawn il-Gzejjer, fl-10 ta' Awwissu, 2013 u fil-jiem ta' qabel din id-data:

a. Assocjat ruhha ma’ xi persuna jew persuni ohra f’dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex tbiegh jew tittraffika medicina (kokaina) f’dawn il-Gzejjer, kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, jew li tippromwovi, tikkostitwixxi, torganizza jew tiffinanzja l-assoccjazzjoni;

b. U aktar talli mportat jew gieghlet li tigi mportata jew ghamlet xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluzi (kokaina) f’Malta, hlief skont id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c. U aktar talli kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medcini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmfanittura jew li tforni d-droga msemmija u ma kinitx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollha fil-pussess taghha din id-droga, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha.

Rat li fl-istadju tal-interrogatorju l-imputata wiegbet li kienet hatja tal-istess.

Rat pero, li fi stadju ferm avvanzat tal-proceduri, meta allura l-Prosekuzzjoni kienet ghalqet il-provi taghha, id-Difiza ressqet numru ta' eccezzjonijiet fejn attakkat kemm il-validita' tal-ammissjoni registrata mill-imputata, kif ukoll dak li xehdet l-istess imputata quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Fil-fatt fl-atti hemm ezebita a folio 67 et sequitur, ix-xhieda guramentata tal-imputata mehuda mill-Magistrat Inkwirenti ai termini tal-Artikolu 24A(12) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-Qorti ddisponiet minn din il-lanjanza mressqa b'eccezzjoni qabel ma nbdew il-provi tad-Difiza bid-digriet taghha datat 9 ta' Settembru, 2014, a folio 212. Rat ukoll illi fl-istess digriet il-Qorti ddecidiet, **ghax qatt ma giet hekk mizjuda l-akkuza nonostante li dan gie diversi drabi dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur, allura qatt din iz-zieda ma giet Lilha notifikata, lilha moqrija bil-gurament mill-Ufficjal Prosekutur, u sar id-debita nterrogatorju, u moghti - kieku l-kaz, id-digriet ta' prima facie fuq l-istess**, illi nonostante li l-Kontro Ordni nharget kemm taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll taht il-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, illi l-akkuzata kellha biss tirrispondi ghall-akkuzi rigwardanti ksur tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll illi in forza tad-digriet imsemmi taghha li l-Ufficjal Prosekutur iddikkjara l-applikazzjoni tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta a favur u fil-konfront tal-imputata, dan anke wara li l-imputata kienet anke talbet lill-

Qorti u hekk giet awtorizzata, illi fil-mori ta’ dawn il-proceduri, hi minn jeddha tikkomunika mal-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dwar dan kien xehed l-Ispettur Nikolai Sant u ezebixxa t-tieni stqarrija, mehuda issa fil-mori ta’ dawn il-proceduri, tal-istess imputata, li senjalament din, kif jidher mill-istess, irrilaxxat wara li kkonsultat mal-Avukat Difensur taghha.

Il-kontenut ta’ dak kollu li qalet u xehdet l-istess imputata ser jigi ezaminat aktar tard f’dan il-gudizzju.

Ezaminat ukoll ix-xhieda kollha Lilha mressqa.

Xehdu rapprezentanti tad-Dwana **Mario Mifsud u Anthony Cutajar**. It-tnejn ikkonfermaw illi fl-10 ta’ Awwissu, 2013, twaqqfu erba’ (4) poassiggieri minn flight RF5382, tliet irgiel u mara.
**Mifsud** ftakar illi wiehed mill-irgiel kien liebes flokk tal-Honda Repsu blue u shorts abjad, waqt illi l-mara kellha xi jeans.

**Cutajar** ikkonferma li fost dawn l-erbgha (4) kien hemm l-imputata. Semma’ bhala passiggieri mwaqqfa lil John Faber Uruena Molina, Ivan Alexander Lema Moreta, u Johany Arbelaez Grajales.

Xehdu wkoll dwar it-tftittxija li saret f’dan ir-rigward il-pulizija hekk involuti.

**PS 635 Alan Calleja** qal illi huwa tela’ l-Ajruport minhabba alert koncernanti titjira minn Spanja mar-Ryanair FR5382. Dan l-alert kien fuq certa Gloria Vargas Pena, John Faber

Molina, Ivan Alexander Lema Moreta, u Johany Arbelaez Grajales.

Hu gie nfurmat minn WPS 297 u WPC 44 li wara tfittxija fuq Gloria Stella, li fil-parti intima taghha kellha kontenitur b'sustanza suspettuza. Qal illi din, mal-persuni l-ohra msemmija, giet skortata d-Depot.

Dan is-sejbien tas-sustanza giet anke kkonfermat minn **PS 1174 Adrian Sciberras**. Ikkonferma li WPS 297, wara li saret strip search fuq l-imputata, lilu qaltlu li din kellha pakkett fil-parti intima taghha. Qal illi ghalkemm baqa' mal-imputata, din ma rceviet ebda telefonati.

Ukoll involut f'din it-tfittxija, **PS 482 Keith Muscat** ukoll ikkonferma li gew imwaqqfa l-persuni msemmija li waslu minn Spanja. Qal illi hu kien involut flimkien ma' PS 635 fuq search li saret fuq John Faber, Lena Moreta u Arbalez Gravlez; illi kien prezenti ghal dawn is-searches. It-tfittxija fuq dawn tat skondtu rizultat fin-negattiv. Lanqas ma rrizulta xejn fuq dawn il-persuni Spanjoli wara li Mater Dei ttiehdilhom x-ray.

**WPS 297 Rhian Spiteri** kkonfermat illi fl-10 ta' Awwissu, 2013 mal-kollegi taghha kienet qed taghmel osservazzjoni l-Ajruport fuq flight originanti minn Madrid, Spanja, fejn skont tad-Dwana kien hemm alert fuq erba' (4) persuni gia' msemmija.
Hi flimkien ma' WPC 44 affettwaw strip search fuq l-imputata u fil-parti intima taghha nstabilha tubu li harget hi stess li kien kontenenti sustanza aktarx droga. Qalet illi hawn gie kkuntattjat interpretu fejn din Pena, allura bl-ghajnuna ta' hekk, giet moghtija kemm is-solita twissija kif ukoll id-dritt

tal-avukat. Qalet illi hi, permezz tal-uzu tal-google translate mill-lingwa Maltija ghal dik Spanjola, staqsietha jekk kinitx taf lill-irgiel l-ohra jew taghrafhom – wegbitha fin-negattiv. Qalet illi pero, din l-istess Pena meta giet mitkellma mill-Ispettur Nikolai Sant fil-presenza tal-interpretu Raysean Cassar, qalet illi kienet gharfet lil wiehed minnhom mill-hwejgu li kien liebes – qalziet abjad qasir u top blue. Kienet anke xhud tal-istqarrija tal-imputata. Ikkonfermat illi l-Ispettur Sant anke wera lil Pena ritratti ta’ John Faber Molina ma’ mara u tifla. Din Pena anke gharfet lill-mara bhala dik l-istess mara li kienet qaltilha biex iggib il-pakkett hawn Malta; illi bbukkjat il-flights u l-lukanda; u li kienet qalet lil Pena li l-partner taghha kien ser ikun fuq l-istess titjira, u li kellha tiltaqa’ mieghu hdejn il-Burger King, u dan jigbor il-pakkett. Gharfet ir-ritratt li ezebixxa l-Ispettur.

**PC 559 Clive Mangion** ikkonferma li l-imputata kienet ezercitat id-dritt li titkellem ma’ avukat. Assista ghat-tehid tal-istqarrija taghha. Ikkonferma dan illi l-istess imputata kienet gharfet fuq flight maghha persuna li ghalih kienet id-droga. Gharfitu ghax kien liebes flokk blue u three quarters abjad.

Gie anke ezebit il-process verbal redatt fuq dan l-incident in ezami.
L-esperti hemm nominati ezebew ir-relazzjonijiet taghhom. **PC 1331 Darren Debattista** bhala SOCO gibed ir-ritratti tal-kontenitur misjub, prezenta relazzjoni tieghu bhala Dok DD.

**Dr Martin Bajada** prezenta r-relazzjoni tieghu bhala Dok MB, wara li ezamina c-cellulari li gew sekwestrati.

Giet nominata minhabba l-messaggi bil-lingwa Spanjola hekk estratti minn Dr Martin Bajada, **Imeda Fede** biex tittraduci l-istess. Prezentat ukoll din it-traduzzjoni bhala Dok IF.

**Alex Casha** in rapprezentanza ta' Globe Ground prezenta r-reservations tal-imputata, li hi giet Malta fit-13 ta' Gunju minn Madrid. Prezenta ghalhekk il-passenger manifest bhala Dok AC.

**Godwin Sammut** minn naha tieghu bhala analista, prezenta r-relazzjoni tieghu bhala Dok GS fejn ikkonkluda illi:

a. "*Illi fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 230_13_01 instabet is-sustazna kokaina. Il-piz tat-trab kien ta' 199.86 grammi u l-purita' kienet ta' circa 38%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

b. *Skont il-Malta National Report 2011 (ara Appendici I), il-prezz tal-Kokaina kull gramma huwa ta' €63.78. Il-piz total tal-Kokaina huwa ta' 199.86 grammi li jaghti valur ta' €12,747.07.*"

L-**Ispettur Nikolai Sant** prezenta zewg stqarrijiet tal-imputata - it-tieni wahda mehuda fil-kors tal-Istruttorja, meta kienet ghaddejja din il-kumpilazzjoni u l-imputata giet awtorizzata tikkomunika mal-Ispettur. Ikkonferma u ezebixxa wkoll ritratt ta' John Faber Uruena Molina fuq dak illi kienet qaltlu l-istess imputata, u li hi kienet gharfet; kif ukoll kopja tal-passaporti ta' Lou Stella, Ivan Alexander, Lena Moreta, u John Arbalez Drucalez – dawn ukoll maghrufa mill-imputata.

Barra li xehed dwar il-kontenut tal-istqarrijiet minnha rilaxxati, qal ukoll illi l-mara li kienet organizzat u tat l-istruzzjonijiet lil Pena, kienet tidher f’xi ritratti ezebiti; u anke li l-biljetti maqtugha ghan-nies li vvaggjaw ma’ Pena kienu numru konsekuttiv. Pero qal illi rrilaxxa tnejn (2) mill-erbgha (4) minn nies li kienu gew imwaqqfa ghax ma kellux provi dwarhom. Ezebixxa wkoill zewg cellulari.

Ezebixxa z-zewg statements rilaxxati volontarjament mill-imputata. Ukoll giet ezebita fl-atti x-xhieda guramentata taghha debitament migbura mill-Magistrat Inkwirenti. F’din hi kienet assistita minn Berthylne Mifsud Galea li aktar tard, ordnata mill-Qorti, telghet tixhed u kkonfermat illi hi l-inkarigu ta’ tradutrici ghamiltu wara li l-Magistrat Inkwirenti taha l-gurament.

Ikkunsidrat illi fl-ewwel stqarrija, dik guramentata, l-imputata qalet illi kienet ilha sena (1) tghix mal-partner taghha fil-Kolumbja, u li kellha zewgt (2) itfal – tifel ta’ sittax(16)-il sena, u tfajla ta’ erbatax(14)-il sena. Xogholha kien li tnaddaf id-djar, pero kienet fil-prezent bla impjieg. Kienet tghix Madrid ghal tnax(12)-il sena, uliehda kienu pero jghixu l-Kolumbja. Kienet bla flus u bla xoghol. Kienet tithallas tlitt mitt Ewro (€300) circa u tibghat mitejn Ewro (€200) lit-tfal.

Hawn innegat illi qatt gie Malta jew li kellha residenza hawn. Qalet illi kienet ser toqghod go San Giljan u li kienet tfajla li kienet ibbukkjatilha kollox - il-mara ta’ dak li gie arrestat maghha (Molina kif gharfitu mir-ritratti u identifikat mill-Ufficjal Prosekutur). Ziedet illi ma kinitx taf isem din it-tfajla. Qalet illi din it-tfajla kienet hi li ghamlet kuntatt maghha biex toffrilha xoghol. Iltaqghet maghha jumejn (2) qabel ma waslet Malta. Tkellmu fil-karozza ta’ din - wahda kbira u hamra.

Spjegatilha li kellha twassal Malta pakkett ta’ madwar ghaxar (10) hmistax (15)-il centrimetru, u kellha ddahhlu gol-parti taghha. Dan kien ser ikun imdawwar bil-plastic. Ta’ dan kellha tithallas elf Ewro (€1,000). Wasslitha anke l-Ajruport u qaltilha li kien ser jaghmel kuntatt maghha l-gharus taghha li kellu jkun liebes qalziet qasir abjad sal-irkoppa u t-shirt blue. Taghtha d-dokumenti u l-pakketti. Ziedet illi din il-mara ghamlet darbtejn (2) kuntatt maghha. Bhala flus Malta gabet maghha hamsin Ewro (€50). Tatha wkoll din il-mara erbghin Ewro (€40) biex taqbad taxi sa San Giljan. Kellha suspett li l-pakkett kien fih droga u accettat li taghmel dan minhabba l-flus. Ma kinitx taf il-kwantita’ ta’ droga li kienet qed iggorr. Gharfet it-tubu li garret. Ziedet illi kienet it-tfajla li kienet qed tigi murija fir-ritratt li tatha dan it-tubu; li ghaliha kienet l-ewwel darba li kienet qed taghmel dan ix-xoghol minhabba bzonn ta’ flus.

Spjegat illi meta tasal Malta kellha taqbad taxi sa San Giljan, tmur il-Burger King, tistenna sakemm tigi kkuntattjata mill-gharus ta’ din il-mara tar-ritratt. Kellha taghti dan it-tubu lil dan l-gharus u dan kellu jaghtieha l-flus. Dan kellu jiehu hsieb jibbukkja fil-lukanda u hawn tkompli bil-btala taghha. Kellha gia’ booking fil-lukanda li kienet ghamlitilha din it-tfajla.

Qalet ukoll illi hi ndunat illi kien hemm l-gharus tat-tfajla biss meta waslet l-ajruport indunat mill-ilbies tieghu. Indunat bi grupp ta’ nies - tliet (3) Kolumbjani. Gharfet lill-gharus mill-hwejjeg. Spjegat li kellha zewg (2) mobiles ghax wiehed kienet tuzah il-Kolumbja u l-iehor ghal Spanja.

Ziedet illi kellha tircievi elf Ewro (€1,000) meta tikkonsenja t-tubu; illi fuq l-ajruplan ivvjaggat wahidha; illi kienu biss hi u

din il-mara meta giet moghtija d-droga. Innegat illi darba li waslet hawn Malta rceviet xi messaggi.

Giet ezebit ukoll ir-ritratt illi minn fuqu gharfet lil Molina u lill-mara li tatha d-droga u rrangat skondtha l-affari.

Fit-tieni stqarrija li rrilaxxat wara li giet awtorizzata tkellem lill-Ufficjal Prosekutur (folio 146), issa qalet illi kienet giet Malta anke qabel biex tigbor xi flus bejn is-6 u t-8 ta’ Gunju, 2013, jew mit-13 tal-15 ta’ Gunju, 2013. Ghamlet kuntatt ma’ Stella li kienet qaltilha li kellha tithallas sitt mitt Ewro (€600) jew seba’ mitt Ewro (€700) talli taghmel dan. Ikkonfermat mir-ritratti murija, lil Stella u lil John (folio 151). Kien dan John illi taha l-envelope biex tiehdu lura lil Stella. Qalet illi meta ltaqghet mieghu l-ewwel darba hdejn il-Burger King, kien hadilha b’idejha u prezenta ruhu bhala John.

Spjegat illi kienet din Leo Stella illi kienet toqghod vicin taghha li kienet offritilha xoghol u kellmitha dwar Malta, u ndikatilha li kellha tigbor xi flus ghax bank transfers maghmula minn Kolumbjani kienu jiddettaw suspett. Kienet qaltilha li l-biljett hallsitu u anke bbukkjat il-lukanda taghha u anke tatha flus tat-taxi. Marret anke ghaliha d-dar b’bagalja zghira u kienet tat struzzjonijiet biex titfa’ hwejjigha go fiha – mhux aktar minn ghaxar (10) kilos. Anke wasslitha l-ajruport. Segwiet kif waslet Malta l-istruzzjonijiet li tatha din Stella. Gharfet dakinhar ukoll li vvjagga maghha John Faber Uruena Molina - dak illi kien taha l-envelope precedentement. Cemplilha aktar tard meta waslet fil-lukanda dan Molina, u fuq struzzjonijiet tieghu marret hdejn il-Burger King, San Giljan - hemm iltaqghet ma’ dan. Hu stess hallas it-taxi. Gharfitu bhala dak li kien ivvjagga maghha. Marru anke jieklu flimkien, pero dakinhar ma taghtux l-envelope bil-flus.

Tahomlha l-Gimgha filghaxija. Taha envelope ssiggillat bit-tape. Taha biss, mis-sitt mitt Ewro (€600) mwieghda, sittin Ewro (€60) li gibed mill-ATM vicin il-Burger King. Kellha thallasha Stella l-kumplament. L-ajruport Stella marret ma’ ragel iehor Ekwadorjan. Tatha l-envelope. Gharfet lil dan ir-ragel murija ritratt tieghu, Dok NS1 (folio 152). Ghalkemm wieghditha li thallasha l-ghada l-bilanc dovut ta’ sitt mitt Ewro (€600), qatt ma marret bil-flus jew wiegbet it-telephone.

Mistoqsija ghalfejn allura accettat li taghmel xoghol it-tieni darba, spjegat illi kienet imwieghda issa elf u hames mitt Ewro (€1,500) u li kellha bzonn il-flus. Gharfet fit-tieni vjagg kemm lil Molina u r-ragel Ekwadorjan tar-ritratt, kif ukoll ragel iehor illi rat fuq id-dokument Dok NS2 folio, illi skondtha kien fil-karozza ma’ Lou Stella, ma’ din wasslitha ghat-tieni vjagg.

Ziedet illi ommha anke giet offruta flus biex u jekk bintha tnehhi r-responsabbilita’ minn fuq Molina, offerta li saret gewwa l-Kolumbja.

Viva voce xehdet illi l-intenzjoni taghha kienet biss li taqla’ l-flus; illi kellha responsabbilita’ ta’ zewgt (2) itfal u riedet taqla’ l-flus ghall-familja u ghat-tfal taghha. Qalet illi kienet tiehu hsieb lit-tfal taghha, lill-genituri, ommha kienet ghaddiet minn trattament minhabba sahhitha, kienet lura bil-kiri. Qalet illi binha gie anke sospiz mill-iskola ghax ma waslitx bil-pagamenti. Kellha d-djun. Skuzat ruhha tal-izbalji li kienet ghamlet.
Insistiet illi ma kinitx hatja li hi assocjat ruhha biex tittraffika d-droga. Ghaliha din kienet l-ewwel u l-ahhar darba. Qalet illi fil-fatt ma kellhix idea li kienet akkuzata b’assoccjazzjoni tad-droga. Insistiet illi hi ma kellha xejn x’taqsam mal-

assoccjazzjoni, u li anke meta tkellmet mal-avukati hadd ma spjegalha l-akkuzi, specjalment dik tal-assoccjazzjoni.

Talbet lill-Qorti opportunita’ ghaliha u ghall-familja taghha. Qalet illi kienet taf li b’dak li ghamlet weggghet lill-familja taghha.

Maghluqa l-provi, rat ukoll illi l-Ufficjal Prosekutur iddikkjara li l-imputata ghenet lill-pulizija u li ghalhekk kellha tibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta b’zewg (2) gradi.

Rat ukoll illi l-imputata fl-ahhar seduta rregistrat ammissjoni ghat-tieni (2) u t-tielet (3) akkuza, anzi kkonfermat din gia’ minnha registrata, pero rtirat l-ammissjoni fuq l-akkuza ta’ assoccjazzjoni.

Maghluqa l-provi semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi kif gia’ inghad, l-imputata ammettiet l-akkuzi ta’ importazzjoni ta’ kokaina, u li kellha fil-pussess taghha din id-droga mhux ghall-uzu eslussiv taghha (dan bhala mezz ghall-fini). Qajla setghet fil-fatt tikkontesta dan la din id-droga nstabet ghandha, iggorrha fil-parti intima taghha.

Il-kontestazzjoni taghha hi fuq l-ewwel (1) akkuza ta’ assoccjazzjoni.
Dwar din l-assoccjazzjoni, l-Artikolu 22(1A) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid illi din, cioe’ l-assoccjazzjoni, tezisti **<u>malli jigu kkonbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni ghandhom jimxu</u>**.

Rudi Fortson (5th Edition) Misuse of Drugs: Offences, Confiscation and Money Laundering (Thomson Sweet & Maxwell) jghid hekk fuq il-prova tal-assoccjazzjoni:

"*B Proving Conspiracy*
*The actus reus is the agreement to commit an unlawful object but the whole concept is heavily dependent on the mental element, namely, on terms of the agreement and the beliefs held by ech party to the agreement.*"
(Page 337)

F'Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003, insibu li l-assoccjazzjoni hija hekk definita:

"*The essence of conspiracy is the agreement. When two or more agree to carry their criminal scheme into effect, the very plot is the criminal act itself: Mulcahy v. R. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317; R. v. Warburton (1870) L.R. 1 C.C.R. 274; R. v. Tibbits and Windust [1902] 1 K.B. 77 at 89; R. v. Meyrick and Ribuffi, 21 Cr.App.R. 94, CCA. Nothing need be done in pursuit of the agreement: O'Connell v. R. (1844) 5 St.Tr.(N.S.) 1."*

*"The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstances from which the jury may presume it: R. v. Parsons (1763) 1 W.Bl. 392; R. v. Murphy (1837) 8 C. & P. 297. Proof of the existence of a conspiracy is generally a "matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them": R. v. Brisac*

*(1803) 4 East 164 at 171, cited with approval in Mulcahy v. R. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317.*"

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "***Ir-Repubblika ta' Malta vs Steven John Caddick and Philip Walker; omissis***", datata 6 ta' Marzu, 2003, tat din id-definizzjoni tar-reat ta' assoccjazzjoni:

"*As pointed out by appellants, the First Court correctly stated that the three elements that had to be proved for the crime of conspiracy to result, were the agreement between two or more persons, the intention to deal in drugs and the agreed plan of action; and, as also correctly stated by the First Court, "it is irrelevant whether that agreement was ever put into practice". But the First Court then continued:*

*"Obviously if there is evidence which shows that the agreement was put into practice, if there is evidence which shows that there was dealing in drugs in Malta, then that is a circumstance which shows that there has been this conspiracy. That this is a circumstance which proves that the conspiracy had existed. But if for argument's sake, there is no evidence that the agreement was put into actual practice, then you will still have the crime of conspiracy complete. So do not think that it is an essential element of the crime to have to prove up to the level of moral conviction that there was the actual dealing of drugs in Malta".*

………..

*Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed "from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between" two or more persons (section 22(1A) Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy and the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principals or accomplices. Even so, however, evidence of dealing is not necessarily going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason, namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement.*"

Ikkunsidrat:

Illi mill-fatti jirrizulta li l-imputata tant kienet taf x'kien ser ikun ir-rwol taghha li hi lanqas kienet novatella fil-qadi ghal din Stella, u gia' kienet iltaqghet mal-gharus taghha - jekk hekk hu, meta kienet gia' giet l-ewwel darba biex tittrasporta envelope bil-flus minn Malta ghal Spanja. Meta regghet giet ikkuntattjata minn din Stella, hi kienet ben konsapevoli li kienet ser iggorr droga fil-parti intima taghha. Kienet fuq

struzzjonijiet pero, anke bi ftehim ma’ Stella, taf illi l-flights, il-lukanda, allura l-*modus operandi* li kellha tadotta darba li tigi Malta, li tiltaqa’ terga’ ma’ John Faber Uruena Molina hdejn il-Burger King ta’ San Giljan, li taghtieh id-droga. Kienet taf x’kellu jkun liebes dan. Kellha allura, bi qbil ma’ din Stella, pjan zviluppat u mahsub tajjeb ta’ kif hi kellha ddahhal id-droga f’Pajjizna u tghaddieha lil dan John u tithallas taghha.

Stranament, wara li ghaddiet kumpilazzjoni shiha, anke giet moghtija d-dritt taghha li tkellem avukat u rrilaxxat l-ewwel stqarrija; u wara li regghet ikkonsultat l-Avukat Difensur taghha fil-mori tal-kumpilazzjoni u ghazlet illi tirrilaxxa anke t-tieni stqarrija, wara wkoll li gguramentat l-istqarrija taghha quddiem il-Magistrat Inkwirenti, tghidilna fix-xhieda taghha viva voce li ma kinitx taf li kienet akkuzata bir-reat ta’ assoccjazzjoni, li hi kellha dan it-tip ta’ ftehim li timporta d-droga.

Hija l-opinjoni ferma u soda ta’ din il-Qorti, illi l-imputata qieghda thallat hafna dak il-ftehim li trid l-assoccjazzjoni u l-intenzjoni biex tasal ghal dak il-‘common design’ mal-motivazzjoni ghala persuna taghzel illi tiehu din it-triq ta’ reita’. Vera li din l-imputata gejja minn pajjizi bhal Kolumbja u Spanja li jistghu jkunu ghaddejin minn sitwazzjoni finanzjarja mwera; vera u jitwemmen illi hi sabet ruhha f’diffikultajiet finanzjarji u mhu xejn eskluz illi kienet trid tghin u tmantni lill-familja taghha, pero dan kien biss il-motivazzjoni ghala dahlet fil-ftehim li timporta d-droga. X’hasbet allura l-imputata li kienu l-konsegwenzi tal-laqghat illi kellha ma’ din Stella, it-tfassil ta’ kif u meta kellha tigi Malta, fejn kellha toqghod, lil min kellha tghaddi d-droga minnha mpurtata u kif kellha tithallas.

Il-Qorti tqis li dan il-ftehim kif minnha deskritt f'zewg stqarrijiet – wahda guramentata addirittura, u fix-xhieda taghha vica voce, juri li hi dahlet f'assoccjazzjoni ma' grupp ta' nies minnha msemmija, biex timporta Malta d-droga.

Tista' anzi tqis lilha nnifisha ferm fortunat l-imputata, illi qatt ma giet addebitata, in kwantu ghar-raguni tal-ewwel vista taghha f'Pajjizna, ukoll bir-reat ta' reciklagg ta' flus.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda ssib htija fuq it-tliet (3) akkuzi migjuba kontra taghha, u dan wara li rat L.S. 101.02 Reg 9; l-Artikolu 22(1), 22(1A), 22(1B), 22(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Ewwel Skeda tal-istess Kapitolu.

Dwar il-piena, rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 31 tal-Kapitolu 9 – ilkoll tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda tikkundannaha ghal piena karcerarja effettiva ta' hames (5) snin u ghal multa ta' ghaxart elef Ewro (€10,000), konvertibbli f'mitejn u hamsa u tmenin (285) jum prigunerija jekk mhux imhallsa.

Wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannaha wkoll illi thallas is-somma ta' seba' mija u hames Ewro u sitta u erbghin centezmu (€705.46) bhala spejjez peritali nkorsi, konvertibbli fi tnejn u sittin (62) jum habs jekk mhux imhallsa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------